# Mill-Istqarrijiet ta' Santu Wistin

## IL-KOBOR T'ALLA.

Inti kbir, ja Alla, u wisq ta' min ifaħħrek; kbira l-qawwa tiegħek u l-għerf tiegħek bla qjies. U ma' dan kollu l-bniedem, farka mill-ħolqien tiegħek, jistħajjel li jista' jfaħħrek. Dan il-bniedem li jġorr miegħu l-mjutija (1) tiegħu, li jġorr miegħu ix-xhieda ta' dnubu, dik ix-xhieda tad-dnub li inti tiċħad lil min hu mimli bih in-nifsu: dan il-bniedem, farka ċkejkna mill-ħolqien tiegħek, jistħajjel li jista' jfaħħrek! Imma huwa inti li tati l-ħajja lit-tifħir tiegħu; għax inti għamiltna għalik in-nifsek u m'għandhiex mistrieħ qalbna qabel ma tistrieħ fik.

Iżda agħtini, ja Mulejja, li nkun naf nifhem jekk għandix l-ewwel insejjaħlek jew infaħħrek; jew inkella, jekk qabel insejjaħlek jeħtieġlix li nagħarfek. Għax kif insejjaħlek mingħajr ma nagħarfek? U jekk ma nagħarfekx, jista' jiġrili li nsejjaħ, minflok lilek, xi ħaġa oħra li hija għal kollox fierda minnek. Jew biex nagħarfek jeħtieġli qabel insejjaħlek? Iżda, biex wieħed jitlob, m'għandux qabel ikun jemmen? u kif jemmen jekk m'għandux min igħarrfu b'dak li għandu jemmen? Imbarra dan hemm miktub: Ifaħħruh il-Mulej dawk li jfittxuh. U ta' bil-ħaqq għax min ifittex il-Mulej isibu u min isibu jfaħħru.

Oh, ħalli nfittxek billi nsejjaħlek, ja Alla tiegħi! Oh, ħalli nsejjaħlek billi nemmen fik! għax inti kont tassew mgħarraf lilna. Araha, mela, issejjaħlek, ja Mulej, dik l-Emna li inti tajtni, dik l-emna li inti niffist ġewwa fija, f'ġieħ Ibnek magħmul bniedem, f'ġieħ il-ħidma ta' Dak li nediek maddinja kollha.

K. F.

---

(1) Mjutija—mortalità ; mejjet—mortali.

*Istqarrijtet*, mill-verb *stqarr*, huwa ktieb ta' Santu Wistin jismu *Confessiones*, li fih il-Qaddis ifaħħar l'Alla billi jistqarr il kobor tiegħu.